MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Appell Civili Numru. 525/2013/1

**Frederick Azzopardi u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2013 Dr Justyne Caruana giet ammessa tintervjeni fil-kawza "*in statu et terminis*"**
***v.***
**Kummissjoni Elettorali**

1. Din hija kawża għal tħassir ta' elezzjoni taħt it-Tlittax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali [Kap. 354]. L-attur qiegħed jitlob illi l-qorti (i) tordna t-tħassir tal-għadd tal-voti tal-elezzjoni ġenerali tad-9 ta' Marzu 2013 fit-tlittax-il distrett u (ii) tordna li l-għadd tal-voti jsir mill-ġdid.

2. L-attur fisser illi waqt l-għadd tal-voti, meta kien qiegħed isir it-tmien għadd biex jiġu trasferiti l-voti ta' Paul Buttigieg, kandidat li ġie eliminat, instab illi għalkemm fil-pakkett tal-kandidat eliminat kellu jkun hemm sitt mija u tmienja u sebgħin (678) vot kien hemm biss sitt mija u tmienja u sittin (668). L-għadd sar mill-ġdid għal aktar minn darba iżda baqa' ma nstabx fejn kienu dawk l-għaxar voti nieqsa.

3. Il-Kummissjoni Elettorali ["il-Kummissjoni"] għalhekk eliminat id-diskrepanza b'mod "fittizju" billi żiedet b'għaxra – minn ħamsa u tletin (35) għal ħamsa u erbgħin (45) – in-numru ta' voti mhux trasferibbli għalkemm fil-verità kien hemm biss ħamsa u tletin (35) vot fil-pakkett tal-voti mhux trasferibbli. L-attur ipprotesta dwar dan kif irid ir-Regolament 16(1) tat-Tlittax-il Skeda tal-Kap. 354 iżda l-Kummissjoni baqgħet għaddejja bil-għadd tal-voti.

4. Dan kellu effett fuq l-għadd tal-voti għax meta sar l-aħħar għadd – l-għaxar wieħed – l-attur spiċċa bi tlitt elef, disa' mija u sebgħa u ħamsin (3,957) vot waqt illi l-kandidata Dr Justyne Caruana spiċċat bi tlitt elef, disa' mija u sitta u sittin (3,966) vot, disa' aktar mill-attur, u għalhekk tiġi eletta. Dan, igħid l-attur, huwa ta' preġudizzju għalih.

5. Il-Kummissjoni, filwaqt li stqarret illi "seta' kien hemm żbalji tekniċi", wieġbet illi r-Regolament 16(1) tat-Tlittax-il Skeda tal-Kap. 354 irid illi l-protest bil-miktub ikun sar "qabel ma jingħata r-riżultat tal-voti" tal-għadd partikolari li fih sar l-iżball, li ma sarx f'dan il-każ, u għalhekk ma tistax issir korrezzjoni.

6. Intervjeniet fil-kawża l-kandidata Dr Justyne Caruana u din ressqet l-eċċezzjoni illi l-attur ma għandux interess ġuridiku biex imexxi b'din il-kawża.

7. Fil-fehma ta' din il-qorti l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk il-protest bil-miktub tal-attur sarx fiż-żmien li trid il-liġi teħtieġ deċiżjoni (i) tal-kwistjoni jekk it-talba tal-attur taqax tassew taħt ir-Regolament 16(1) tat-Tlittax-il Skeda tal-Kap. 354, *i.e.* jekk hijiex kontra deċiżjoni dwar "kwistjoni fuq trasferiment ta' voti" jew hijiex dwar xi żball ieħor, (ii) dwar jekk l-attur "marx kontra" d-deċiżjoni tal-Kummissjoni "bil-miktub" u għamilx dan fiż-żmien li trid il-liġi, *i.e.* qabel ma ngħata r-riżultat tal-voti; u

(iii) dwar it-tifsira tal-kliem "jingħata r-riżultat tal-voti" u kif jingħata dak ir-riżultat.

8. Madankollu, fil-każ tallum ma huwiex meħtieġ eżami ta' dawn il-kwistjonijiet billi, fil-fehma tal-qorti, l-eċċezzjoni dwar nuqqas ta' interess ġuridiku jixraq illi tintlaqa'. Din l-eċċezzjoni setgħet validament tingħata fil-kawża tallum għax, għalkemm hemm interess pubbliku li l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament issir validament, madankollu l-azzjoni tallum ma hijiex *actio popularis* u l-liġi teħtieġ l-inizjattiva tal-kandidat interessat biex iressaq l-azzjoni.

9. L-eċċezzjoni jixraq illi tintlaqa' għal din ir-raġuni: mix-xiehda tal-Kummissjoni irriżulta illi r-riżultat tal-elezzjoni ġenerali ħoloq sitwazzjoni fejn, bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], il-partit li għalih jappartjeni l-attur sejjer jingħata erba' siġġijiet "addizzjonali" u l-attur huwa fost l-ewwel erba' kandidati tal-partit tiegħu li jmisshom dawn is-siġġijiet addizzjonali.

10. Il-preġudizzju li seta' jġarrab l-attur minħabba l-iżball fil-għadd tal-voti huwa li ma jiġix elett. F'kull każ, iżda, l-attur sejjer jiġi elett bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma huwa sejjer iġarrab ebda preġudizzju. Tassew illi l-attur jilmenta illi għandu interess illi jiġi elett bħala deputat "oriġinali" mid-distrett tiegħu u mhux bħala deputat "addizzjonali". Dan iżda ma huwiex interess ġuridiku għax taħt il-liġi s-siġġijiet "addizzjonali" għandhom l-istess siwi u privileġġi bħal dawk "oriġinali".

11. Il-liġi trid finalità ċerta kemm jista' jkun malajr fir-riżultat tal-elezzjoni u għalhekk, fl-interess ta' dan, ikun hemm drabi fejn ma tkunx tista' ssir korrezzjoni ta' żbalji. Tassew, il-qorti ma teskludix li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn l-interess tal-korrettezza assoluta jegħleb dak taċ-ċertezza ta' malajr, iżda dan ma huwiex wieħed minnhom ladarba l-kandidat interessat ma huwa sejjer iġarrab ebda preġudizzju.

12. Billi għalhekk hija tal-fehma illi l-attur ma għandux interess ġuridiku biex imexxi b'din l-azzjoni, il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni u teħles lill-Kummissjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju.

13. L-intervenuta fil-kawża tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż l-oħra jinqasmu f'ishma ndaqs bejn l-attur u l-

Kummissjoni konvenuta billi kien żball ta’ din tal-aħħar li wassal biex saret il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------